MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 2/2007

IL- PULIZIJA
SPETTUR STEHPEN MALLIA
SPETTUR RAMON MERCIECA
KONTRA

ANTHONY BORG

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Anthony Borg ta' 26, bin Peter u Vincenza nee' Cassar, mwieled Birkirkara, nhar il- 21 ta' Frar 1983, residenti fil-fond 8, Triq Castelletti, Sliema u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 260783(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe;

1) Fil-lejl ta' bejn id- 29 u t- 30 ta' Dicembru 2006, f'Birkirkara, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal- hruq, u cioe' hsara fuq vettura tal- marka Toyota Corolla bin- numru tar- registrazzjoni DAE 585, liema hsara teccedi l- hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad-dannu ta' Michael Micallef minn Birkirkara;

2) Fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal- hruq, u cioe' hsara fuq vettura tal- marka Opel Kadett bin- numru tar-registrazzjoni AAF 638, liema hsara teccedi l- hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad- dannu ta' Cedric Borg minn Birkirkara;

3) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' stereo CD player tal- marka Kenwood bin- numru serjali mhux maghruf, li jiswa' madwar Lm80 minn go vettura tal- marka Fiat Uno bin- numru tar-registrazzjoni ABO 492, liema serq hu aggravate bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa ghad- dannu ta' Josianne Farrugia minn Birkirkara;

4) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostnazi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal- hruq u cioe' hassar fuq vettura tal- marka Skoda Favorit bin- numru tar- registrazzjoni CAO 346, liema hsara teccedi l- hamsin lira Maltin (LM50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad- dannu ta' Sharon Scicluna minn Brikirkara;

5) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe’ hsara fuq vettura tal- marka Fiat 127 bin- numru tar- registrazzjoni AAC 076, liema hsara teccedi il- hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad- dannu ta’ Emmanuel Demicoli minn Birkirkara;

6) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe hsara fuq vettura tal- marka Tata bin- numru tar- registrazzjoni CAG 431, liema hsara teccedi il- hamsin lira Maltin (LM50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad- dannu ta’ Carmelo Gauci minn Birkirkara;

7) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe hsara fuq vettura tal- marka Morris Marina bin-numru tar- registrazzjoni RYN 185, liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad- dannu ta’ Emmanuel Dimech minn Birkirkara;

8) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe hsara fuq arblu tal- festa, liema hsara teccedi il- hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad- dannu tal- Kollegjata Basilika ta’ Santa Liena ta’ Birkirkara;

9) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe hsara fuq vettura tal- marka Fiat Uno bin-numru tar- registrazzjoni ABO 492, liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50) ghad- dannu ta’ Josianne Farrugia minn Birkirkara;

10) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe hsara fuq vetrina ta’ fond bin- numru 35, liema hsara teccedi l- ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija anqas minn hamsin lira Maltin (Lm50), ghad- dannu ta’ Emmanuel Bezzina mill- Gharghur;

11) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, u cioe’ billi prova permezz tal- hruq jiddistruggi vettura tal- marka Fiat Uno bin- numru tar- registrazzjoni ABO 492, liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

12) Talli fil- lejl ta’ bejn id- 29 u t- 30 ta’ Dicembru 2006, u fil- jiem ta’ qabel f’ Birkirkara, ikkommetta serq ta’ stereo cassette player tal- marka Jensen bin- numru serjali 112612 li jiswa madwar Lm80 minn go vettura tal-marka Vauxhall Nova bin- numru tar- registrazzjoni KAT 615, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- hin u bix-xorta tal- haga misruqa, ghad- dannu ta’ Stefanie u Krassimir Andreinski mill- Mosta;

13) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’diversi lokalitajiet f’dawn il- Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehdua b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

14) Finalment akkuzat ukoll talli hu sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Ikkunsidrat:

1. Fatti

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Dicembru 2006, gewwa Birkirkara, inghataw in-nar mhux anqas minn sitt vetturi, u ohra li ma lahqetx inghatat in-nar bhall-ohrajn. Mis-sitta li nharqu, tnejn kellhom hsara li teccedi l-elf, mija u erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69), ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin, mentri l-erbgha l-ohra kellhom hsara ta' anqas minn dak l-ammont. Ghal dawn ir-reati kollha, il-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat l-ghada stess, u akkuzatu ukoll ta' serq ta' stereo minn karozza, ta' hsara lil proprjeta' ohra, ta' ricettazzjoni, u bl-addebitu tar-recidiva.

2. Punti ta' Ligi

Qabel ma' din il-Qorti sejra tikkonsidra l-provi mressqa fuq dan il-kaz, hemm punt ta' ligi li ghandu jigi ttrattat, u dan il-punt, fil-fehma tal-Qorti, ser iholl jew jorbot hafna mill-imputazzjonijiet indikati f'din il-kawza. Il-Qorti rat id-disposizzjonijiet kollha tal-ligi indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, kif ukoll l-artikoli tal-Kap 9 antecedenti ghall-artikolu 325, cioe' dak ta' hsara volontarja. Minghajr tlaqliq ta' xejn, il-Qorti thossha ferm disturbata b'dak li sejra tirrileva hawn. Fil-fehma tal-Qorti, ir-reat ta' hruq ta' vettura ma jezistix fil-Kodici Kriminali taghna. Qabel l-artikolu 325, hemm diversi disposizzjonijiet li jispecifikaw ir-reat ta' hruq ta' proprjeta', u dawn jibdew mill-artikolu 315 'il quddiem. L-ebda wiehed minn dawn l-artikoli ma jispecifika l-hruq ta' vettura, u forsi ghalhekk l-Avukat Generali indika l-artikolu 325 bhala dik id-disposizzjoni li ghandha tigi kkunsidrata ghal dan il-kaz. Izda l-artikolu 325 jibda b'dawn il-kliem;

"Kull min, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,…". Dawn il-kliem, fil-fehma tal-Qorti, jeskludu kompletament il-hsara volontarja maghmula bil-mezz tal-hruq f'dan l-artikolu. U jekk ma hemm ebda artikolu iehor li jaghmel il-hruq ta' vettura reat,

allura il-hruq ta' vettura m'huwiex reat. Dan it-tip ta' ragunament, ghalkemm huwa logiku u korrett, ma jhalli ebda triq hlief li jigi dikjarat li l-imputat ma jistax jinstab hati ta' reat li m'huwiex ipprovdut ghalih fil-ligi.

Dan ir-ragunament huwa rifless ukoll f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Pul. V. Valentine Sciberras", deciza fil-11 ta' Jannar 2007, liema sentenza ccitat minn sentenza ohra tal-istess Qorti fl-ismijiet "Pul. V. Mark Mizzi", deciza fil-11 ta' Mejju 2006. Dik il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

"Illi t-tieni aggravju ta' natura legali hu dak relatat mat-tieni imputazzjoni ta' danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. L-appellant gustament jargumenta li ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t' incendju mqabbad mill-appellant, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bhala l-artikolu li tahtu setghet tinstab htija. Konsegwentement lanqas l-Ewwel Qorti ma setghet tibbaza l-htija tal-appellant fuq dan l-artikolu. L-appellant ghamel riferenza ghal sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fejn gie trattat u deciz dan il-punt, fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Mark Mizzi" [ 11.5.2006]. Di fatti f' dik is-sentenza din il-Qorti qalet hekk :-

"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi , senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar,jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli<u>, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel  ta' dan is-sub-titolu.</u>

"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi spluzzjoni doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel sustanza esplussiva (art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja

jqieghed, jispara jew jisplodi xi mezz letali u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred materjal nukleari li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti n-nar jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315) ; dak ta' min jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq (art. 316); dak ta' min volontarjament jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc. (art. 317); dak ta' min jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa (art. 318) dak ta' min jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili, ecc. (art. 319); dak ta' espluzzjoni ta' mina (art. 320); dawk ta' wiri ta' dwal foloz b' perikolu ghan-navigazzjoni u qtugh ta' ktajjen (art. 321, 322 u 323).

"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-

"(1) Kull min, <u>B' MEZZI XORT' OHRA MINN DAWK IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU</u> , volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)

“Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b’ success – li d-dicitura ta’ dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b’ mod ezawrjenti fl-artikoli ta’ qabel.

“Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li ta nar lill-bini jew dar t’ abitazzjoni w b’ hekk ikkaguna danni fil-proprjeta’ tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa’ taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b’ xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b’ reat “ad hoc” taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f’ dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.

“…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet  li l-“mezzi xort’ ohra” imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert  b’ artikoli ohra “ad hoc”.”

Issa f’ dan il-kaz din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta’ <u>xi mezz iehor</u> mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta’ hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta’ ta’ terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghid ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti.”

Huwa minnu li l-kawzi hawn fuq citati ma dahlux esspressament fuq il-punt in kwistjoni llum, u cioe’ jekk il-hruq ta’ vettura huwiex reat, izda s-sens tal-argumenti

sollevati hemm ma jhallu ebda dubju fil-mohh ta' din il-Qorti. Biex jigi applikat b'success l-artikolu 325 tal-Kap 9, il-hsara volontarja trid issir b'mezz xort'ohra minn dawk indikat fl-aritkoli precedenti, inkluz il-hruq. Galadarba ma gie indikat ebda artikolu iehor mill-Avukat Generali – ghax tali artikolu ma jezistix – ma tistax tinstab htija ghall-hruq tal-vetturi.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, li hdejn l-imputazzjonijiet tal-hruq huma anqas gravi, il-Qorti rat il-provi u jirrisultaw ippruvati l-hsara volontarja lill-proprjeta' ohra, ir-ricettazzjoni, u r-recidiva. Ir-reat ta' serq ta' stereo ta' karozza ma rrisultatx.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 325 (1) (a), 261 (f) (g), 270, 271 (g), 279 (a), 281 (a) (b), 18, 325 (1) (b), 325 (1) (c),41, 325 (1), 261 (b) (f) (g), 263, 264, 265, 270, 271 (g), 278 (1) (2) (3), 49, 50, 289, 17, 23, 31, 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tat- tmien (8), l- ghaxar (10), it- tlettax (13) u l- erbatax (14) akkuzi u ghaldaqstant tordna lill-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.

Ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it-tielet (3), ir- raba (4), il- hames (5) is- sitt (6), is- seba (7), id- disa (9), il- hdax (11), it- tnax (12) u l- erbatax (14) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------